# KAPITOLU 17

## ORDINANZA DWAR ID-DFIN*

*Biex tipprojbixxi d-dfin ta' katavri f'xi postijiet, u biex tagħmel provvedimenti oħra dwar din il-projbizzjoni.*

(10 ta' Mejju, 1869)#

*L-ORDINANZA II ta' l-1869 u ġiet emendata bl-Ordinanza V ta' l-1873; bl-Att IV ta' l-1955; bl-Avviż Legali 4 ta' l-1963; bl-Atti: III ta' l-1974, XXII u XXXVI ta' l-1975, XI ta' l-1977 u IX ta' l-1982; u bl-Avviż Legali 407 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar id-Dfin. Titolu fil-qosor.

Iċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. *Emendat: XXXVI.1975.2.*

**2.** (1) Iċ-ċimiterju mibni fuq il-għolja li qiegħda fil-limiti ta' Ħal Tarxien, fin-naħa leminija tat-telgħa msejħa tal-Palma, għandu jkun il-post prinċipali għad-dfin f'Malta u kull ċittadin Malti jkollu l-jedd li jiġi midfun fl-imsemmi ċimiterju skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u ta' kull liġi rilevanti oħra.

(2) Dan iċ-ċimiterju għandu jissejjaħ "Iċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata".

Talba għal konċessjoni ta' sitijiet. *Emendat: IV. 1955.3; A.L. 4. ta' l-1963; XXII. 1975,2; XI.1977.2; IX. 1982.2; A.L. 407 ta' l-2007.*

**3.** (1) Kull persuna tista' tapplika bil-miktub, għand is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għall-konċessjoni ta' sit, ta' estensjoni ta' żewġ metri u nofs tul u metru u ħames ċentimetri wisa', f'dik il-parti ta' kull ċimiterju tal-Gvern li, skond pjanta magħmula mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, ikun stabbilit għall-bini ta' oqbra privati, sabiex jinbena fuqu, għas-spejjeż tiegħu, qabar, bi ħlas dwar dak is-sit tas-somma ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23).

(2) Fil-qisien hawn fuq imsmmija jidħlu l-partijiet tas-sit li jkunu ġà, kif jingħad fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 7 u 8, okkupati b'ħitan diviżorji mibnija minn ħaddieħor.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jordna minn żmien għal ieħor li jinbnew oqbra privati fuq siti mhux ġà mogħtija sabiex jinbiegħu lil min japplika għalihom. Fuq talba għall-akkwist ta' qabar, mibni, u jekk ikun hemm disponibbli qabar mibni, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jġiegħel lil min japplika biex iħallas is-somma ta' ħamsa u sittin euro u tmenin ċenteżmu (65.80) li tkun tinkludi wkoll il-prezz tas-sit.

(4) Ebda talba bħal dik ma tiġi kunsidrata jekk magħha ma jsirx depożitu tas-somma xierqa fl-uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u ma jkunx hemm dikjarazzjoni ffirmata mill-applikant fis-sens li la hu u lanqas ebda membru mill-familja tiegħu ma jkun

---

**Ara* wkoll l-Ordinanza dwar iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata (Kapitolu 18) u Taqsima VI tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10).
#*Ara* Proklama Nru. I ta' l-10 ta' Mejju, 1869.

is-sid ta' xi qabar jew sit għal qabar f'xi ċimiterju tal-Gvern:

Iżda l-imsemmi Suprintendent jista', meta jkun sodisfatt mill-ħtiġiet veri ta' l-applikant, jagħti eżenzjoni mill-produzzjoni ta' l-imsemmija dikjarazzjoni.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "familja" tfisser missier, omm, żewġ jew mart, jew ħu, oħt, iben jew bint l-applikant.

(5) Is-somom ta' flus imsemmija fis-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu jistgħu jitbiddlu minn żmien għall-ieħor mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jibda jseħħ mhux qabel erba' ġimgħat mid-data ta' l-avviż.

Trasferiment ta' oqbra jew sitijiet.
*Miżjud: XXII.1975.3.*

**4.** (1) Ebda persuna ma tista' tittrasferixxi lil xi persuna oħra xi qabar jew sit għal qabar f'xi ċimiterju tal-Gvern mingħajr l-approvazzjoni bil-quddiem tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(2) L-imsemmi Suprintendent jista' jissuġġetta l-approvazzjoni tiegħu għall-produzzjoni ta' dikjarazzjoni bħal dik imsemmija fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' din l-Ordinanza, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt mill-ħtiġiet veri ta' l-applikant.

Konċessjoni ta' arei.
*Sostitwit: IX.1982.2.*

**5.** Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', meta ssir applikazzjoni għal hekk, u mal-ħlas ta' dak id-dritt kif jista' jiġi stabbilit mill-imsemmi Suprintendent, jagħti konċessjoni, flimkien ma' sit, area, ta' mhux iżjed minn sitta u għoxrin metru kejl superfiċjali, kontigwa għall-imsemmi sit, għall-bini ta' oqbra addizzjonali jew għall-bini ta' kappella.

Bini ta' oqbra fis-sutterran tal-Kappella.
*Emendat: A.L. 4 ta' l- 1963; XI. 1977.2; IX.1982.2.*

**6.** Kull qabar f'xi parti ta' ċimiterju għandu jiġi mibni għal kollox taħt l-art, u mgħotti b'ġebel invell mat-triq l-aktar qrib; kull naħa ta' dan il-qabar, li ma jkunx għall-anqas sittin ċentimetru bogħod mill-pont l-aktar qrib ta' l-art mogħtija lill-persuna li tagħha jkun dak il-qabar, għalkemm dan ikun imħaffer fil-blat, għandha tiġi mibnija b'ħajt mhux anqas minn tletin ċentimetru ħxuna; u l-qabar innifsu għandu jkun mill-anqas metru u tlieta u tmenin ċentimetru fond:

Iżda, dawn l-oqbra jistgħu wkoll, bil-permess tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, ikunu ta' fond, wisa' jew tul anqas, jew jistgħu jiġu mibnija fuq wiċċ l-art.

Ħajt diviżorju.

**7.** Kull min jibni qabar li jmiss ma' l-art mogħtija jew li tista' tiġi mogħtija lil ħaddieħor, jista' jibni l-ħajt diviżorju sa ħxuna ta' ħmistax-il ċentimetru, fuq dik l-art: u f'dan il-każ, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jew il-persuna li lilha dik l-art tkun ġiet mogħtija, tista' tinqeda, għal waħda min-naħiet ta' qabar ieħor, mill-ħajt hekk mibni, billi tħallas lill-pussessur ta' l-ewwel qabar, nofs il-valur ta' dak il-ħajt, li għandu jitqies bħala ħajt ta' tletin ċentimetru ħxuna.

Jeħtieġ il-kunsens ta' pussessuri oħra, f'xi każijiet, biex jiżdied il-għoli tal-ħajt.

**8.** (1) Il-pussessur ta' qabar, li wieħed jew iżjed mill-ħitan tiegħu jkunu ġew f'parti mibnija 'l barra mill-art tiegħu nnifsu, jew dak li fil-bini ta' qabar ikun għamel komuni l-ħitan ta' qabar ieħor, ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-pussessur ta' dan il-qabar, igħolli dak il-ħajt 'il fuq mill-invell tal-wiċċ ta' l-art l-iżjed qrib għall-

qabar hawn fuq imsemmi.

(2) Il-pussessur jew il-persuna hawn fuq imsemmija jistgħu, madankollu, igħattu l-qabar tagħhom b'għata jew b'monument ogħla mill-invell hawn fuq imsemmi, u jistgħu jinqdew b'dan il-ħajt komuni biex ipoġġu miegħu din l-opra, basta li b'daqshekk ma jfixklux jew ma jagħmlux diffiċli l-ftuħ tal-qabar qrib, u bla ħsara tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 10.

Kostruzzjonijiet fuq oqbra. *Emendat: III. 1974.2; XI.1977.2.*

**9.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, kull min għandu qabar fiċ-ċimiterju hawn fuq imsemmi, 'il barra mis-sutterran tal-kappella, jista' jagħlaq dan il-qabar, flimkien ma' kull spazju ieħor li jkun ġie mogħti lilu, b'ħitan jew xort'oħra; jibni fuq l-art tiegħu monument jew bini ieħor li l-mogħdija għad-dħul tiegħu tkun mit-triq komuni, mingħajr ma wieħed igħaddi minn fuq siti mogħtija jew li jistgħu jiġu mogħtija lil ħaddieħor; u jagħmel l-iskrizzjonijiet li jidhirlu; basta li d-disinn ta' kull opra bħal din u l-abbozz ta' l-iskrizzjoni jiġu approvati mill-Bord imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Kull min għandu qabar fis-sutterran tal-kappella, jista' jagħmel fih kull iskrizzjoni li tkun ġiet approvata mill-Bord hawn fuq imsemmi; iżda ma jista' jibni ebda opra mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, minbarra l-approvazzjoni ta' l-imsemmi Bord.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, għandu jkun hemm bord, li jkun magħruf bħala l-Bord dwar id-Dfin li jkun magħmul minn *chairman* u minn żewġ membri nominati kull sena mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika.

Bini ta' iżjed minn sittin ċentimetru għoli.

**10.** Ħadd ma jista' jibni ebda bini jew monument ta' iżjed minn sittin ċentimentru għoli, jekk bejn dan il-bini jew monument u l-eqreb bini jew monument, ma jkunx hemm mill-anqas bogħod ta' metru u għoxrin ċentimetru.

Sinjali tal-konfini tas-sit. *Emendat: IV. 1955.4; IX. 1982.2.*

**11.** (1) Kull min ikun ħa sit biż-żjieda ta' spazju ieħor, li l-konfini tiegħu, fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, ma jistgħux jiġu sewwa ffisati b'riferenza għall-pjanta msemmija fl-artikolu 3, għandu, fi żmien għaxart ijiem minn avviż li jingħata lilu mill-istess Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jagħmel sinjali, li jidhru u li jibqgħu, tal-konfini tas-sit bl-ispazju hawn fuq imsemmi, għas-sodisfazzjon tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jew ta' persuna oħra maħtura minnu.

(2) Dawn is-sinjali, jekk il-konċessjonarju jonqos li jagħmilhom fiż-żmien hawn fuq imsemmi, jiġu magħmula mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, illi, f'dan il-każ, għandu jedd għall-ħlas mingħand il-konċessjonarju ta' somma ta' mhux iżjed mill-ispiża li tkun saret.

Fossa tal-għadam u depożt. *Emendat: V.1873.1.*

**12.** (1) Lil kull pussessur ta' qabar privat fiċ-ċimiterju hawn fuq imsemmi, jingħata l-permess bla ħlas, f'okkażjoni ta' dfin ta' katavri f'dak il-qabar, meta ma jkunx hemm fih spazju biżżejjed għal dak id-dfin, li jittrasporta bi spejjeż tiegħu, dak li jibqa' mill-katavri li jkunu ġew qabel hemm midfuna, fil-fossa tal-għadam tal-komun li, għal dan il-ħsieb, tiġi mibnija bi spejjeż tal-Gvern.

(2) Jekk ma jkunx jista' jsir użu mill-qabar hawn fuq imsemmi minħabba li jkun għadu kif sar dfin fih, lill-pussessur jingħata permess, bla ħlas ta' ebda dritt, li jqiegħed il-katavru li jmiss jindifen f'dak il-qabar, bħala depożt f'qabar ieħor, f'post ġewwa ċ-ċimiterju, li, għal dan il-ħsieb, jiġi mibni mill-Gvern, sakemm il-qabar hawn fuq imsemmi jkun jista' jiġi wżat skond il-liġi.

(3) Fid-depożt msemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ma jista' jitqiegħed ebda katavru ta' membru ta' kongregazzjoni; sakemm ikun hemm erba' katavri oħra ta' membri ta' dik l-istess kongregazzjoni.

Effetti tal-projbizzjoni.

**13.** Il-projbizzjoni magħmula bis-saħħa ta' l-aħħar artikolu qabel dan, għandu, għall-finijiet kollha, ikollha l-istess effetti ta' projbizzjoni magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 144 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Kap. 10.

Transport ta' katavri fi knejjes. *Emendat: IX. 1982.2.*

**14.** (1) Il-projbizzjoni hawn fuq imsemmija mhix ta' impediment għat-trasport ta' katavru mil-lok fejn il-mejjet ikun miet, għal knisja jew kappella għal ħsieb ta' ċerimonja reliġjuża jew għal finijiet oħra, u sabiex wara jiġi minn dik il-knisja jew kappella meħud għad-dfin f'post awtorizzat skond il-liġi.

(2) Barra minn dan, din l-Ordinanza ma ġġib ebda tibdil fil-liġijiet li jkunu jseħħu dwar id-drittijiet li jmisshom jitħallsu f'okkażjoni ta' mewt lil kull ekkleżjastiku, jew korp morali reliġjuż, għall-jedd tad-difna illi l-mejjet, qabel il-projbizzjoni hawn fuq imsemmija, kellu fi knisja jew kappella.

(3) Fl-aħħarnett, minbarra l-jedd ta' dfin ta' katavri f'oqbra li qegħdin ġewwa l-limiti tal-postijiet fuq imsemmija, kull jedd ieħor fuq dawk l-oqbra, li l-pussessuri tagħhom għandhom skond il-liġi, jibqa' sħiħ.

Piena għal dikjarazzjoni falza. *Miżjud: XXII.1975.4. Enendat: A.L. 407 ta' l-2007.*

**15.** Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' l-artikolu 3 jew ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat, u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

FORMULA

(Artikolu 3)

*Talba għall-konċessjoni, mhux bla ħlas, ta' sit għal qabar, bi spazju, miżjud miegħu jew mingħajru.*

*Emendata: XIII.1983.4. Sostitwita: A.L. 407 ta' l-2007.*

Lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika

Data ............................

Il-hawn taħt iffirmat ......................... (*ma' l-isem u l-kunjom għandu jkun hemm il-lok tat-twelid, il-professjoni, is-sengħa, jew stat ieħor, u isem il-missier*) u li joqgħod .......................................................... (*l-isem tal-belt jew raħal*) Triq............... Nru .................. (*indirizz*) jitlob il-konċessjoni ta' sit għal qabar, immarkat Nru .................. fid-Diviżjoni tal-(*Punent jew Lvant, skond ma jkun il-każ*) Sezzjoni .........................(*li għandha tiġi indikata b'ittra*), Kumpartiment ............................. (*li għandu jiġi indikat b'ittra*), fuq il-pjanta taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata li qiegħda fl-uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

*Jekk, barra mis-sit għal qabar, tintalab il-konċessjoni ta' spazju li jmiss mas-sit, għandu jiżdied dan li ġej -*

Barra minn dan, hu jitlob il-konċessjoni ta' spazju ta' ................................ metru kwadru, li jmiss mas-sit hawn fuq imsemmi.

U l-hawn taħt iffirmat b'din jiddepożita, fl-uffiċċju hawn fuq imsemmi, is-somma ta' € ..................... jiġifieri, ....................... għas-sit għal qabar, u € .................... għall-ispazju li jmiss mas-sit, bir-rata ta'..................... għal kull metru kwadru.

Firma